**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**KALKARA**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 6/24

17 t' April 2024

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru, 1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chircop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm.

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**5.24.1 <u>Qari ta' Ittri ta' Apoloġija</u>**

5.24.1.1 Ma kienx hemm.

**5.24.2 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti</u>**

5.24.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 5.24 u numru 7.24 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

5.24.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sur Christopher Bruno u sekondati mis-Sa Maria Sultana l-minuti ta' seduta 5.24 u 7.24 ġew approvati unanimament.

Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**5.24.2.3 <u>Punti mill-Minuti Preċedenti</u>**

4.24.4.2 **Il-Proġett fi Triq ix-Xewkija u ż-Żona tax-Xewkija, Kalkara**

Is-Sindku aġġorna l-Kunsill Lokali dwar il-proġett tax-Xewkija. Fl-10 t' April 2024, il-Kunsill kien ħareġ struzzjonijiet permezz ta' tabelli li ġew mwaħħla f'din iż-żona sabiex kull opra tal-baħar titneħħa ħalli jkun jista' jibda t-tisbieħ kif pjanat. Is-Sindku f'isem il-Kunsill jinsab sodisfatt bil-kollaborazzjoni kontinwa li kellu mas-sidien tad-dgħajjes. Irriżulta illi sal-10 t' April 2024, tneħħew il-maġġorparti tad-dgħajjes tant li kien fadal biss erba` dgħajjes u li tlieta minnhom kienu ser ivaraw sat-13 t' April 2024 filwaqt l-oħra kellha tiġi distrutta fl-14 t' April 2024. Għalhekk illum il-ġurnata, din iż-żona tinsab imnaddfa minn kull opra tal-baħar.

Wara l-10 t' April kien ġie allokat perjodu qasir sabiex f'każ li ma jitneħħewx id-dgħajjes kollha, kien ser ikun hemm intervent mill-enitatjiet kkonċernati qabel jibdew ix-xogħolijiet.

Is-Sindku informa wkoll illi ser ikun hemm investiment ta' miljun għar-riġenerazzjoni taż-żona tax-Xewkija apparti s-sitt miljuni li ġew investiti sabiex jiġi rriġenerat is-Sally Port, ix-Xatt tal-Kalkara li jinkludi l-dawra tal-moll tax-xatt u Misraħ Arċisqof Gonzi mill-Gvern Ċentrali flimkien mal-kkordinament tax-xogħolijiet tal-GHRC.

Bejn l-aħħar t'April u bidu ta' Mejju 2024 għandhom jibdew ix-xogħolijiet u li huwa pjanat li jitlestew ix-xogħolijiet hekk kif jibda s-Sajf.

Filfrattemp, is-Sindku talab laqgħa mall-Kunsilliera sabiex tiġi diskussa l-bye-law ħalli jiġu stabiliti r-reġolamenti li fiha l-Kunsill Lokali jkun jista' jirreġolarizza u jamministra din iż-żona. Il-Kunsill Lokali ftiehem li l-laqgħa

ssir nhar il-Ġimgħa 26 t' April 2024, fl-12.00pm.

5.24.1.1 **Laqgħa mad-Direttorat ta' Clean Malta**

B'aktar investiment fit-tindif ta' toroq ġewwa l-lokalita', is-Sindku fakkar li kuljum id-Direttorat ta' Clean Malta qiegħed jibgħat vettura li tnaddaf it-toroq arterjali. Apparti minn hekk, il-Kunsill Lokali ingħata vettur tal-knis mill-istess Direttorat li qegħda tintuża milnn wieħed mill-ħaddiema tal-Kusill Lokali għat-tindif tat-toroq.

Matul din il-ġimgħa, is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Indafa Pubblika, l-Onor. Glenn Bedingfield flimkien mad-Direttur Ġenerali ta Clean Malta, is-Sur Ramon Deguara żaru l-Kunsill Lokali. Matul il-viżita tagħhom, is-Sur Bedingfield informa li l-Kunsill Lokali ser jingħata magna tat-tindif awtomatika (robot). Din il-magna tista' tiġi ssetjata minn qabel fejn għandha tnaddaf u għalhekk ma jkunx hemm il-ħtieġa li jkun hemm persuna tassistiha fit-tindif.

5.24.4.2 **30 Sena Anniversarju minn meta ġie elett l-Ewwel Kunsill Lokali**

Il-Kunsill kien ippjana li jagħmel iċ-ċerimonja f'għeluq it-30 Sena Anniversarju minn meta ġie elett l-Ewwel Kunsill Lokali nhar is-16 t'April 2024. Madanakollu, minħabba impenji oħra l-Kunsill Lokali kellu jipposponi din iċ-ċerimonja. Is-Sindku jemmen li ċ-ċerimonja ghandha tibqa` fuq l-agenda tal-Kunsill Lokali filwaqt li reġa' tenna l-importanza ta' din iċ-ċerimonja li bih ser tkun qed tagħti rikonoxximent lil kull persuna li taw servizz lill-Kunsill Lokali. Għalhekk il-Kunsill qabel li ċ-ċerimonja tiġi skedata għal nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Mejju 2024.

5.24.4.3 **L-attivita` 'Festa Ħelu'**

Il-Kunsill Lokali ikkonferma li l-attivita 'Festa Ħelu' ser issir nhar il-Ħadd, 28 t' April 2024 bejn id-9.00am u s-2.00pm.

**6.24.4** <u>**Kommunikazzjoni mis-Sindku**</u>

6.24.4.1 **Revizjoni tal-Kirjiet tal-postijiet Devoluti lill-Kunsill Lokali**

Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-Awtorita` tal-Artijiet għamlet l-eżerċizzju fejn ġiet rivedut il-kirja tal-artijiet tal-Gvern devoluti lill-Kunsill Lokali. Jirriżulta li kien din ir-revizjoni, ġabet magħha awment fil-kirjiet. Is-Sindku spjega li b'din ir-revizjoni, kien hemm ispiża addizzjonali fuq il-propjetajiet li għandu devoluti l-Kunsill u li ser teċċedi `il fuq minn €1,000 fis-sena.

Is-Sindku żied jgħid li wasal iż-żmien li l-binja amministrattiva tal-Kunsill Lokali tmur ġewwa l-Villa Portelli kif kien ħabbar il-Prim Ministru ta' Malta, Dr. Robert Abela u l-binja kurrenti tal-Kunsill Lokali tinżamm għal użu sekondarju ta' l-istess Kunsill.

6.24.4.2 **Attivita' 5 ta' Mejju 2024**

Is-Sindku ġie avviċinat mill-grupp ta' entertainers li jispeċjalizzaw fil-logħob tal-*juggling* sabiex itellgħu attivita' matul il-Ħadd 5 ta' Mejju ġewwa l-Misraħ Arċisqof Gonzi.

6.24.4.3 **SPI/SCI/03/2024 – Skema dwar lokalitajiet aktar nodfa**

Is-Sindku fakkar li fis-snin preċedenti l-Kunsill Lokali kien ibbenefika minn skemi dwar tindif fil-lokalita` apparti skemi oħrajn. Waħda mill-iskemi riċenti fejn il-Kunsill Lokali ibbenefika minn għajnuna finanzjarja, kienet l-installazzjoni ta' kameras tas-sigurta` fejn bħalissa hemm l-iskips. Kameras oħrajn ġew installati f'postijiet differenti b'għajnuniet finanzjarji kienu ġew mogħtija mir-Reġjun Port.

Għalhekk is-Sindku qiegħed jipproponi illi l-Kunsill Lokali japplika sabiex iġb fondi finanzjarji ħalli jinbidlu l-bins u doggy bins kollha speċjalment dawk li huma antiki u mkissrin. Qabel ma tiġi sottomessa l-applikazzjoni, ser isir eżerċizzju ħalli jiġi ddentifkat l-ammont ta' bins u doggy bigs ġewwa r-raħal kollu.

Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta sas-Sindku u għalhekk għandna tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-iskema SPI/SCI/03/2024 – Skema dwar lokalitajiet aktar nodfa.

Mill-aspett ta' sigurta` u aktar kontrol fuq l-indafa, s-Sur Bruno ssuġerixxa li jkun hawn portable cameras biex jitnaqqsu ċertu abbużi. Is-Sindku spjega illi trid tiġi segwita proċedura leġali sabiex wieħed ikun jista' jagħmel użu mill-*portable cameras.*

6.24.6.4 **Studenti mill-MCAST**

Is-Sindku kien f'kommunikazzjoni mal-MCAST dwar x-xogħol volontarju li ser jiġi offrut mill-grupp ta;' studenti li jattendu l-MCAST. Dan ix-xogħol jaqgħa taħt isindu semma l-istudenti. Dawk ghandk corp-corporate social responsability. Is-Sindku nforma illi matul din il-ġimgħa ġew grupp ta' studenti u ġew imqabbda jagħmlu tindif ġewwa l-lokalita tal-Kalkara.

6.5.24.5 **Memorandum of Understanding dwar servizz ta' knis ta' toroq.**

Wara li kien skada l-kuntatt tal-knis, il-Kunsill Lokali prova jaħdem bil-ħaddiema tiegħu. Madanakollu din id-deċiżjoni ma kinitx ta' suċċess.

Għalhekk inħarġet espressjoni ta' kwotazzjoni sakemm jitlesta l-proċess biex tinħareġ sejħa għall-knis permezz ta' tender.

Filfrattemp, id-Direttorat ta' Clean Malta Kuntratt informa l-Kunsill Lokali li bħalissa qiegħed jabbozza Memorandum of Understanding bejn il-Kunsilli Lokali u l-istess Direttorat dwar il-knis tat-toroq. L-MoU ser joħloq ftehmin li bih ser ikun qiegħed jipprovdi servizz ta' knis bil-ħaddiem tad-Direttorat. Kull Kunsill Lokali ser jiġi provdut numru ta' kenniesa. In-numru ta' ħaddiema ser jiġi kkalkulat skont l-ammont allokat kull sena lill-Kunsill Lokali fuq it-tindif ta' toroq urbani mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Din l-allokazzjoni tiġi trasferita l-Direttorat ta' Clean Malta bi ħlas wieħed darba fis-sena.

Il-Kunsill unanimament qabel mal-proposta tal-MoU għaliex jemmen li s-servizz tal-knis ser itejjeb is-sitwazzjoni ta' ndafa ġewwa l-lokalita`.

6.24.5 <u>Korrispondenza</u>

6.24.5.1 **Għeluq ta' żewġ kontijiet bankarji tal-Kunsill Lokali li ma għadhomx jintużaw**

Waqt li qiegħed isir l-awditjar għas-sena finanzjarja 2023, l-awditur ġibed l-attenzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv dwar żewġ kontijiet bankarji li għandu l-Kunsill Lokali li ilhom snin ma jkun hemm transazzjonijiet minnhom. Għalhekk l-Awditur talab sabiex jiġi nfurmat il-Bank lokali ħalli jinqgħalqu.

Il-Kunsill unanimament qabel li ssir ittra lill-Bank of Valletta u jingħalqu dawn iż-żewġ kontijiet bankarji.

6.24.5.2 **Tqegħid temporanju ta' *caravans* u *campers* fil-lokalitajiet.**

Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Divizjoni tal-Gvern Lokali fejn saret referenza għal Avviż Legali 136 tal-2023 li jirregola t-tqegħid temporanju ta' *caravans* fil-lokalitajiet (Dok A).

Il-Kunsill nnota il-korrispondenza u ser jinforma lid-Divizjoni dwar ix-xatt tal-bajja tar-Rinella fejn isiru talbiet dwar dan ir-rigward.

6.24.5.3 **L-istampar tal-mappa tal-Kalkara**

L-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara talbet il-Kunsill sabiex jgħin finanzjarjament fl-istampar ta' 1,000 kopja tal-mappa ta' Kalkara (Dok B). Is-Segretarju ta' din l-Assoċjazzjoni informa illi riċentament saru xi emendi fl-ismijiet ta' toroq ġewwa l-lokalita`. Għalhekk hemm il-ħtieġa li jerġa' jiġi stampat numru ta' mapep mill-ġdid u li minnhom ser jingħaddu lill-Kusnill Lokali biex ikun jista' jqassam minnhom lil kull

minn jiġi jitlob informazzjoni dwar il-Kalkara.

Il-Kunsill unanimament qabel mat-talba tal-Assoċjazzjoni Wirt il-Kalkara.

### 6.24.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

**Is-Sa Maria Sultana, Kunsilliera**

6.24.6.1 **Traffic Management fi Triq Giuseppi Valerio Abela**

It-talba għat-Traffic Management inkluż zebra cross fi Triq Giuseppi Valerio Abela ser tiġi diskussa meta jsir l-asfaltar mill-ġdid fl-istess triq.

6.24.6.2 **Il-Palm mejjet fi Triq Giuseppi Valerio Abela u Triq Santu Rokku**

Is-Segratarju ġab 3 kwotazzjonijiet biex jinqalgħu 3 palmiet mejta ġewwa l-Kalkara. L-irħas kwotazzjoni hija ta' € 1,380.60 (VAT inkluża) u x-xogħol huwa skedat għal nhar il-Ħamis 18 t' April 2024 (Dok C).

6.24.6.3 **Luzzu li jinsab fl-iskola tal-Primarja**

Is-Sa Sultana staqsiet dwar jekk hemmx xi żviluppi għal rigward tal-luzzu li tqiegħed fl-iskola tal-Primarja.

Is-Sindku informa lill-Kunsill illi qiegħed f'diskussjoni mal-GHRC u s-Sur Andrea Delceppo, sid ta' *boathouse* li l-sengħa u l-mestjier tiegħu huwa bennej tad-dgħajjes dwar ir-restawr ta' din id-dgħajsa. Ġie ssuġġerit illi d-dgħajsa tista' tiġi rrestawrata minn studenti li jkunu qed jistudaw f'din is-sengħa. Apparti minn hekk, meta jitlesta r-restawr tagħha, din għandha titpoġġa fiż-żona tax-Xewkija bħala attrazzjoni turistika. Dan il-luzzu jkun jista' jintuża għal ħarġiet kulturali tal-Kunsill Lokali u/jew turistiċi.

Is-Sa Sultana ġiet skużata fil-13:30pm.

**Is-Sa Speranza Chircop, Kunsilliera**

6.24.6.4 **Tibdil fit-traffic management ħdejn il-Viri's Take Away**

Wara li r-riġenerazzjoni tax-Xatt tal-Kalkara ġabet magħha tibdil fit-traffic management. Konsegwentament il-vetturi li jkunu ġejjin minn Triq il-Kapuċċini jew minn Triq ir-Rinella u jridu jmorru lejn l-Esplora, l-unika mod li jistgħu jagħmlu dan huwa li joħorġu mill-Kalkara u jdawru mar-roundaboout ta' ħdejn il-mina tal-Kalkara. Għalhekk, is-Sa Chircop talbet sabiex il-karreġjata ta' ħdejn il-Viri's Take Away, titwaħħal mera u jsir tibdil fit-traffic management ħalli l-vetturi jitħallew iduru lejn il-karreġjata li tagħti għall-Esplora mingħajr il-ħtieġa li joħorġu mill-Kalkara.

Fl-10 ta Marzu is-Sindku kiteb lit-Transport Malta u GHRC biex jikkunsidraw li titneħħa t-tabella li tirrestrinġi vetturi li jdawru lejn il-karreġjata li tagħti

għat-telgħa tal-Esplora. Is-Sindku informa l-Kunsill illi sal-lum, huwa għadu ma rċeviex ebda tweġiba u għahekk reġa bagħat imejl oħra bħala tfakkira għall-kunsiderazzjoni tat-Transport Malta.

6.24.6.5 **Roundabout qabel it-telgħa li tagħti għal Esplora**

Is-Sa Speranza talbet li roundabout li tagħti għat-telgħa tal-Esplora tiġi mdawra bil-kurduni biex il-vetturi jsuqu mas-sinjali tat-traffiku.

Is-Sindku nnota illi jekk isir skont kif qegħda titlob is-Sa Chircop, il-vetturi li jkunu ġejjin minn Triq Malta Rebbieħa u li jkollhom id-dgħajsa marbuta mal-vettura tagħhom, dawn ser isibu diffikulta` biex idawru mar-roundabout. Is-Sindku ssuġerixxa illi jittwaħħlu tip ta' sinjali bħal ma hemm fi Triq Santa Liena, Bormla.

6.24.6.6 **Installazzjoni ta' *Seabin***

Is-Sa Chircop talbet aġġornament dwar l-installazzjoni tas-*seabin*.

Is-Sindku nformaha li għaddejja diskussjoni biex jerġa' jitwaħħal mill-ġdid.

6.24.6.7 **Ħarġa Kulturali**

Għal matul ix-xahar ta' Mejju, is-Sa Chircop infurmat il-Kunsill li ser torganizza ħarġa f'Bio Aqua Garden fejn jiġi offrut ikel aktar bnin.

**Christopher Bruno**

6.24.6.8 **Assistenza lill-pubbliku dwar it-Trasport Pubbliku**

Is-Sa Bruno talab sabiex fuq il-bus stops jitwaħħal in-numru tat-telefon tal-Kunsill Lokali sabiex il-pubbliku jkun jista' jiċċekja x'ħin ser tgħaddi l-karozza tal-linja.

Is-Sindku informa li fuq il-bus stops hemm in-numru tat-trasport pubbliku f'każ li l-pubbliku jkun irid jiċċekja dwar is-servizz tat-trasport.

6.24.6.9 **Skema li tingagga fejn Persuni b'Diżabilita mal-Kunsill Lokali**

Is-Sa Bruno talab aġġornament dwar l-iskema li timpjega persuna b'diżabilita mal-Kunsill Lokali.

Is-Sindku informa li t-talba saret u qiegħed jistenna l-eżitu tagħha.

**6.24.7 <u>Punti Ġenerali</u>**

Ma kienx hemm.

**6.24.8 <u>Mistoqsijiet lis-Sindku</u>**

Ma kienx hemm.

**6.24.9 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm.

**6.24.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier din il-ġimgħa biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Sur Vincent Bongailas ssekondati mis-Sa Speranza Chircop, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**6.24.11 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

Is-seduta ntemmet fis-2.15pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 22 ta' Mejju 2024, fl-12.00pm wara li is-Sa Chircop resqet riżoluzzjoni biex il-laqgħa tinżamm fil-12.00pm. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum 23 ta' Mejju 2024.

Wayne Aquilina
Sindku

Etienne Scicluna
Segretarju Eżekuttiv